MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 240/2010

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-partijiet tas-7 ta' Awwissu 2013 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:

"Illi din il-kawza qed tinstema kontestwalment mal-kawza numru 379/2011 RMG fl-ismijiet inversi.

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-partijiet prezentaw nota konguntiva bl-abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni li ftehmu dwaru l-partijiet sabiex jigi awtorizzat minn din il-Qorti.

Illi stante li huma ilhom ghal sitt snin separati de facto jixtiequ li a fini tal-artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta jitolbu sabiex t-talba taghhom ghas-separazzjoni

maghmula f’din il-kawza ghandha minflokk titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Illi ai termini tal-artikolu 66B jigi rilevat:

a. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu ta' mizzewgin ghal mill-inqas erba’ (4) snin. Il-mara ghandha tarbija minn ragel iehor liema tarbija llum ghandha erba’ (4) snin u ilha tghix ma’ missier it-tarbija ghal aktar minn erba’ (4) snin. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

b. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet ma kellhomx tfal.

c. Illi kull parti rrinunzat ghal manteniment minghand l-parti l-ohra.

d. Illi huwa ghalhekk illi dak kollu mitlub mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fl-umli fehma tar-rikorrenti sodisfatt.

Ghaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett lill din l-Onoraabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa’ it-talba tar-rikorrenti u tordna illi t-talba taghhom ghas-separazzjoni maghmula f’din il-kawza ghandha minflokk titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.”

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat,

L-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:-

“(1) Kull parti f’kawża ta’ separazzjoni, tista’ f’kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b’rikors illi t-talba għas-separazzjoni

magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.

Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.

(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju."

Ikkonsidrat,

Il-Qorti semghat liz-zewg partijiet jikkonfermaw bil-gurament taghhom il-kontenut tar-rikors kongunt taghhom.

Jirrizulta illi r-rekwiziti mitluba bl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti u ghalhekk it-talba ghall-konverzjoni timmerita li tigi akkolta.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-partijiet tas-7 ta' Awwissu 2013 billi:-

Tilqa' it-talba u tordna li l-kawza fl-ismijiet premessi ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------